# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem: ______________________________** **Klassi: _______________**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:***

# *Il-Gamiem*



Il-gamiema tagħmel parti mill-familja *Columbidae*. Dawn l-għasafar għandhom l-għamla tal-ħamiem, iżda jvarjaw mill-ħamiem kemm fid-daqs u kemm fil-kulur. Il-forma tagħhom hija kemmxejn imbaċċa u l-għamla ta' rashom hi tonda, b'munqar kemmxejn twil u ppuntat, addattat ħafna biex iferkxu u jfesdqu ż-żrieragħ. (*par. 1*)

Il-gamiema hi tajra li tpassi f'pajjiżna darbtejn fis-sena, fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Dawn l-għasafar jinżlu mill-Ewropa fi żmien il-kesħa tax-xitwa u jmorru jfittxu l-kenn fl-Afrika. Imbagħad, meta joqrob is-sajf, jerġgħu lura lejn l-Ewropa. Għaldaqstant, dawn jgħaddu minn fuqna u jidħlu f'pajjiżna matul il-lejl jew filgħodu kmieni mas-sebħ u jinfirxu fil-kampanja, fl-imsaġar jew f'xi siġar qalb ir-raba' miftuħ. (*par. 2*)

Ta' spiss jidhru waħdiet, iżda ġieli jkunu pari u jidhru wkoll jittajru fi qtajja'. Ħafna drabi meta jidħlu fid-dlam tal-lejl, jittajru mas-sebħ. Iżda jekk ikun iċ-ċpar, huma jibqgħu fostna. Fir-rebbiegħa l-gamiem jippreferi s-siġar filwaqt li fil-ħarifa narawh aktar fuq il-blat fil-beraħ. (*par. 3*)

Il-gamiema hi twila madwar sitta u għoxrin ċentimetru jew ftit aktar. Il-kulur tagħha hu kannella qastni, li jiċċara n-naħa taż-żaqq u jiskura fuq id-dahar u fuq id-denb. Il-ġwienaħ u l-għonq huma mnaqqxin bl-iswed. Is-saqajn, fejn m'hemmx rix, għandhom lewn aħmar. (*par. 4*)

Il-gamiem jippreferi l-baxx tas-siġar u ma' l-iċken ħoss malajr jitnaffar u jtir favur ir-riħ sakemm jogħla 'l fuq. It-titjira tiegħu hi kkaratterizzata b'tifqigħa tal-ġwienaħ, u malli jtir jintelaq mar-riħ għal ftit ħin. L-għajta ta' dawn l-għasafar hi sempliċement tbarqim jew garr, b'mod li meta tisimgħu jkun b'kantaliena li tqabbdek swied il-qalb. (*par. 5*)

Wara r-rebbiegħa, xi gamiem tal-post jipprova jbejjet f'pajjiżna, imma minħabba ċ-ċokon ta' Malta u żvantaġġi oħra, ftit li xejn jitħalla. Minkejja dan, kemm-il darba ġew osservati xi bejtiet tal-gamiem. Dawn l-għasafar ifittxu siġar kbar bħal tal-ħarrub u taż-żnuber u jibnu bejta sempliċi magħmula minn zkuk irqaq. Din il-bejta tixbah ħafna lil tal-ħamiem. Il-gamiema mara tbid żewġ bajdiet u l-bejta jieħdu ħsiebha kemm ir-raġel u kemm il-mara. (*par. 6*)

(Meħuda minn *Il-Gamiem* ta' Philip Camilleri **f'Biedja u Sajd,** 2005)

| **A. FEHIM IT-TEST** | ***(10 marki)*** |
|---|---|

1. X'għamla għandhom l-għasafar li jagħmlu parti mir-razza *Columbidae*? (*par. 1*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

2. Il-gamiem kif inhu differenti mill-ħamiem? (*par. 1*)

______________________________________________________________ (marka)

3. Il-gamiem meta jinżel mill-Ewropa, u fejn imur ifittex il-kenn? (*par. 2*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ ( 2 marki)

4. X'jagħmlu dawn l-għasafar meta jidħlu f'pajjiżna? (*par. 2*)

______________________________________________________________ (marka)

5. X'jiġrilu l-gamiem meta f'Malta jsib iċ-ċpar? (*par. 3*)

______________________________________________________________ (marka)

6. Fis-silta x'hemm x'juri li l-gamiem jibża' ħafna? (*par. 5*)

______________________________________________________________ (marka)

7. X'jgħidilna l-awtur dwar it-tbarqim tal-gamiem? (*par. 5*)

______________________________________________________________ (marka)

8. X'għamla ta' siġar ifittex il-gamiem sabiex jibni l-bejta fihom? (*par. 6*)

______________________________________________________________ (marka)

9. Semmi żvantaġġ wieħed li minħabba fih il-gamiema ma tbejjitx hawn Malta.

______________________________________________________________ (marka)

| | |
|---|---|
| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | ***(20 marka)*** |

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Il-kelma **magħmula** tissejjaħ ***parteċipju passiv*** u ġejja mill-verb **għamel**.
   Imla bil-parteċipju passiv skond il-verb li hemm wara l-vojt.

   It-tajr kien __________ (ġabar) fuq is-siġra. Instema' ħoss kbir. Billi kienu __________ (gerrex), tnejn minnhom taru mill-ewwel u waħda marret fuq siġra oħra fejn kienet aktar _________ (warrab) u __________ (kennen) mir-riħ. (4 marki)

2. Agħmel (**X**) fejn it-tajba:
   Il-verb **jidħlu**, li ġej mill-verb **daħal**, hu verb
   (a) sħiħ ___, (b) dgħajjef ___ jew (ċ) trux ___ ? (marka)

3. Minn paragrafu ***1*** sib dawn ***il-prepożizzjonijiet*** li ġejjin:

   

   - prepożizzjoni ma' l-artiklu : _______
   - prepożizzjoni waħedha sħiħa: _______
   - prepożizzjoni waħedha mqassra: _______ (3 marki)

4. Agħmel **sing** taħt il-verb li taħseb li hu ***irregolari***.

   (a) seraq (b) fixkel (ċ) kiel (d) ħeba (marka)

5. Minn paragrafu ***5***, sib avverbju li juri post: __________ (marka)

6. Il-verb **ifittxu** ġej mill-verb **fittex** li hu verb tat-**2 forma**.
   Fil-kaxxa l-vojta ta' wara l-verb, ikteb in-numru tal-forma.

   **serraħ** ☐ **nqafel** ☐

   (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Minn paragrafu ***2*** sib kelma li tfisser "ittir minn post għal ieħor": ________________ (marka)

8. Agħmel (**X**) fejn it-tajba. Il-kelma **jfesdqu** (*par. 1*) tfisser:
   (a) ifittxu fil-ħamrija ___ , (b) joħorġu ż-żerriegħa mill-qoxra ___, (ċ) joborxu ___ . (marka)

9. Ikteb liema minn dawn il-kelmiet hi ta' **nisel semitiku**:
(a) familja, (b) jvarjaw, (ċ) kulur, (d) munqar, (e) addattat.

Il-kelma hi: _______________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. Fisser fi kliemek il-frażi: ***dawn jgħaddu minn fuqna*** (*par. 2*)

Dawn ________________________________________________________ (2 marki)

11. Għal min qiegħda tirreferi l-frażi, ***Ta' spiss jidhru waħdiet***, f'paragrafu 3?

Qiegħda tirreferi għall-________________________________________ (marka)

**SINTASSI**

12. Imla l-vojt skond il-verb li hemm wara l-vojt. (*Ara l-eżempju.*)
(a) Waqt li kont ***nixtri*** (xtara) l-gazzetta rajt lil Toni.
(b) Żmien ilu jien kont __________ (mar) Malta darba fil-ġimgħa.
(ċ) Fir-rebbiegħa, Marija kienet __________ (qata') ħafna fjuri sbieħ.

(2 marki)

| Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI | ***(4 marki)*** |
|---|---|

**IDJOMI U QWIEL**

**(ii) Sib żewġ idjomi minn dawn is-sentenzi u iktibhom fil-kaxxi ta' taħt:**
Joe kien tfajjel moħħ ir-riħ. Meta ra li kien tiela' l-ajru ddeċieda li jmur għall-kaċċa tal-gamiem. Imma ltaqa' mal-pulizija u sab ruħu f'baħar ta' inkwiet u allaħares ma sabx lil missieru jagħmel tajjeb għalih. Dakinhar daħal f'qoxortu waħda sewwa.

| | |
|---|---|
| (a) | (b) |

(2 marki)

**(i) Fisser fi kliemek dawn il-qwiel:**
(a) L-ajru akbar mit-tajra: ____________________________________________

(b) Min jiekol żomm miegħu: ____________________________________________

(2 marki)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** ***(10 marki)***

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 60 kelma**.

a. Bħala membru ta' l-għaqda *Ħbieb l-Għasafar*, ta' Ħal Muxi, int ġejt mitlub/a tagħti l-opinjoni tiegħek dwar kif għandu jissebbaħ Wied l-Isponsun sabiex iżuruh aktar għasafar tal-passa.

**JEW**

b. Il-kunsill lokali ta' Ħal Muxi u dak ta' Ħas-Saptan organizzaw ħarġa għaż-żgħażagħ sa Kemmuna. Bħala segretarju/a tal-kunsill ta' Ħal Muxi, int ġejt mitlub/a biex tikteb rapport dwar din il-ħarġa. Dan ir-rapport se jidher fil-gazzetta "Ix-Xifer".

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** ***(6 marki)***

Ikteb **6 sentenzi** dwar waħda mit-temi li int għamilt tiftix dwarha fil-proġett **L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija**.

| F. LETTERATURA | *(30 marka)* |
|---|---|

**(i) L-Isqaq / Anestesija** **(8 marki)**
*Agħżel it-tweġiba t-tajba*:

**Anestesija**

1. Iċ-Ċirku Terros ifisser:______________________________________ (marka)

2. Tas-Sold Xelin kien raġel ħażin għax ___________________________. (marka)

3. Semmi wieħed miż-żewġ iljuni feroċi taċ-Ċirku Terros:________________ (marka)

4. Il-maskra tal-Buffu tfisser ____________________________________. (marka)

**L-Isqaq**

5. Stejfen kien mar joqgħod fl-isqaq meta ___________________________. (marka)

6. Ħut Stejfen kien jisimhom Manna u ____________________ . (marka)

7. Ommu ma riditux ikellem lil Romilda għax __________________________. (marka)

8. Kristina kienet iġġennet għax ____________________________________. (marka)

**(ii) Qawsalla: *Referenza għall-Kuntest*** **(10marki)**
Aqra sew din il-poeżija ta' Mario Azzopardi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

**DEMGĦAT TAS-SILĠ**

Qatt m'afuni niesi
la missieri
la ommi
w lanqas ħuti ma jafuni

jien nafhom mill-bogħod
iżda nafhom sew
dejjem kont nafhom sew
kont naf ir-riħa ta' lulju tal-mewt f'ħalq missieri
għadni niftakar ir-riħa stramba taħt abt ommi
tagħfasli geddumi w tomxotli bl-ilma
u l-ħarsa mistħija ta' ħuti mneżżgħa
quddiem il-friskatur

jien nafhom mill-bogħod
iżda nafhom sew
għalhekk dawn id-demgħat tas-silġ
miġmugħin fuq ċnut għajnejja

1. Xi jrid jgħid il-poeta bil-vers ***Qatt m'afuni niesi*** ? (marka)

______________________________________________________________________

2. Għaliex il-poeta jgħid li lil niesu jafhom mill-bogħod? (marka)

______________________________________________________________________

3. Kif taf li l-poeta mhux ferħan? (marka)

______________________________________________________________________

4. Il-versi tal-poeżija għandhom :
(a) rima mbewsa ___, (b) rima mqabbża ___, jew (ċ) huma bla rima ___ ? (marka)

5. L-ewwel u l-aħħar strofa tal-poeżija jissejħu ___________________________ (marka)

6. X'rabta għandha din il-poeżija mat-tema ***Ir-Rispett fil-Familja***?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

**(iii) QAWSALLA: KOMPONIMENT LETTERARJU (12-il marka)**

Agħżel **waħda** minn **a** u **b** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata:

(a) Fit-tema ***Il-Protesta*** nsibu kitbiet li jitkellmu dwar il-qirda ta' l-ambjent naturali. Semmi tnejn minnhom u ikteb dwarhom.

(b) Mit-tema ***Ir-Rispett fil-Familja*** ikteb dwar xi kitbiet li fihom il-missier jidher qiegħed ikellem lil ibnu jew lil bintu.

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.

1. Ġnien pubbliku li nieħu gost inżur.
2. Kienet lejla ta' maltemp kbir, meta f'daqqa waħda l-għasfur . . . .
3. Dawra b'lanċa tat-turisti.
4. Il-kaċċa f'pajjiżna għandha tispiċċa darba għal dejjem. Taqbel?
5. Aħjar għasfur f'idek milli mija fl-ajru!
6. Għasfur f'gaġġa: x'jaħseb u xi jħoss.